MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 714/2010

**Ruben Farrugia (K.I. 383885M)**
**Vs**
**Saviour Camilleri (K.I. 197656M) u**
**martu Josephine Camilleri (K.I. 789358M)**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob is-somma ta' erba' mija u sitta u erbghin ewro u erba' centezmi (€446.04) mitluba b'dan l-avviz li tirraprezenta ammont dovut ghal xoghol ta' *spray painting* ezegwit fuq il-vettura IBL-998 di propjeta' tal-konvenuti, liema xoghol gie ezegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti; l-konvenuti baqghu nadempjenti minkejja diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1331/10 prezentat fl-20 t'April, 2010 u bl-imghax konteggat mid-data tal-imsemmi sekwestru sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta fejn il-konvenut eccepixxa illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li l-attur ma ezegwiex l-appalt lilu moghti skont l-arti u s-sengha, u ghalhekk l-ebda hlas mhu dovut, qabel ma ha l-inkarigu jigi ezegwit kif trid il-ligi; fit-tieni lok u minghajr pregudizzju tas- suespost, l-ammont mitlub huwa ezagerat; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant fejn ippremetta li l-attur gie inkarigat biex jaghmel xoghol ta' *spray painting* fuq il-vettura IBL-998 liema appalt ma giex ezegwiet skont l-arti u s-sengha u ghalhekk hemm bzonn li jsiru xogholijiet rimedjali, u l-attur irrid jaghmel tajjeb ghall-ispiza addizzjonali li giet necessitata minhabba xoghol hazin tieghu, kif ukoll ghall-kumpens ghal *loss of use* tal-vettura waqt li jkun qed isir xoghol fuq il-vettura; spejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant fejn eccepixxa illi l-kontrotalba tal-konvenuti qeghda tigi respinta bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt; minghajr pregudizzju ghal premess, l-attur ezegwixxa l-appalt lilu moghti skont is-sengha u l-arti; l-ammont mitlub huwa dak li kien gie miftiehem bejn il-partijiet; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Charles Cauchi, Ruben Farrugia, Saviour u Josette Camilleri.

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar il-5 ta' Dicembru 2011 li bih il-kawza thalliet ghal-lum, ghas-sentenza;

**Konsiderazzjonijiet:**

Illi insintesi din hija talba ghall-hlas ta' xoghol ta' *spray painting* maghmul mill-attur fuq vettura tal-konvenut. Il-konvenuti ma hallsux lill-attur ghaliex dan allegatament ma sarx skont is-sengha u l-arti. Il-konvenuti pprezentaw

kontrotalba ghall-hlas tax-xoghol rimedjali u kumpens ghall-*loss of use* tal-vettura.

Mill-provi rrizulta li l-konvenut Saviour Camilleri huwa sid il-karozza u li t-tifla tieghu Glorainne Camilleri kienet issuq il-karrozza. Il-konvenuti kienu hadu l-vettura ghand Farrugia fit-30 ta Dicembru tas-sena 2009 u kienu inkarigaw lill-attur biex jaghmel xoghol ta' *spray painting* wara li Glorainne Camilleri kellha incident mobilistiku fejn il-karozza garrbet hsarat. Il-karrozza l-ewwel kellha tinhadem minn tellar li sahansitra kellu jbiddel certu partijiet. Inxtraw il-partijiet li kienu *second hand* u kienu ta' kulur differenti. L-attur iddikjara li x-xoghol li ghamel kien fuq il-*bonet*, zewg *mudguards* u l-facatta u li ghal dan kien iccargja bi ftehim mal-konvenut is-somma ta' erba' mija erbgha u sittin ewro (€464) li kien skont il-kalkulazzjoni li ghamel is-surveyor tas-socjeta' tal-assigurazzjoni (ara x-xhieda ta' Ruben Farrugia a fol. 33 tal-process u "Dok CCI").

Wara li tlesta x-xoghol il-konvenut mar ghall-vettura u dakinhar stess hadha mieghu. Pero meta rritorna d-dar, fil-garaxx tieghu, huwa skopra li kien hemm id-diffetti. Il-konvenut Saviour Camilleri ddikjara li ra ponot homor, u cjoe l-kulur l-antik tal-*part* fuq il-*bonnet*. Filwaqt li Glorianne Camilleri ddikjarat li kien hemm grif kemm mal-*bumper* kif ukoll mal-*bonnet*. L-attur iddikjara li l-konvenut kien ilmenta *li l-kulur ma kienx jaqbel..... u li l-ispray ma kienx tajjeb f'diversi bnadi kemm fil-bumper kif ukoll f'partijiet ohra (ara fol. 34 tal-process).*

Hawnhekk l-evidenza hija konfliggenti, l-attur min-naha tieghu jghid illi offra li jaghmel ix-xoghol ta' riparazzjoni u sahansitra li jiehu l-karrozza ghand xi haddiehor pero' l-konvenut Camilleri ma accettax. Filwaqt illi l-konvenut u t-tifla tieghu ddikjaraw li ftehmu li jsir ix-xoghol rimedjali li kien ta' saghtejn xoghol biss pero' (u hawnhekk inqalat il-kwistjoni) l-attur ma qabilx illi l-konvenuti jibqghu prezenti waqt li jaghmel ix-xoghol riparatorju.

Minn dak iz-zmien jidher illi d-diskussjoniet kienu dwar kemm kellu jitahallas ghax-xoghol tieghu l-attur.

Il-konvenut ipprezenta rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit datat 6 ta' Lulju 2010 (ara fol. 53 tal-process) li gie nkarigat biex jispezzjona z-zebgha tal-karrozza inkwistjoni. Skont l-espert kien gie mibdul:
(1) il-*bonnet lid;* (2) il-*bonnet lock panel* u sabiex il-kulur isfar ikompli jaqbel gie deciz li jigi sprenjat il-parti ta' quddiem mill-*front windscreen* sa ukoll il-*front bumper*.

Id-diffetti li sab kienu fil-(1) *bonnet lid;* (2) *front bumper;* (3) *bonnet lock panel;* (4) *front left mudguard bumper.*

L-espert iddikjara s-segwenti: *"id-diffetti fuq il-bonnet li jikkonsisti l-aktar fuq tikek (spots) imqabzin 'il barra u jinhassu. Dawn setghu gew ikkagunati billi iz-zebgha ma gietx infiltrata sewwa mill-ilma li jiggenera mill-istess kompressur. Ghalhekk dawn l-imsemija panels li jinsabu jinhtieg li jigu re-sprayed wara li kollox jigi xkatalat sewwa".* L-ispiza kalkulata skont l-espert hija ta' erba' mija erbgha u hamsin ewro u sebgha w erbghin centezmu (€454.47) minghajr VAT (ara fol. 13 tal-process).

L-attur ma kienx car wisq fix-xhieda tieghu, huwa kkonferma in kontroezami li l-problemi li nqalghu kienu ftit affarijiet zghar u cjoe li kien fil-*bumper* u bnadi ohra (ara x-xhieda tieghu a fol. 34 tal-process). Pero fix-xhieda tieghu tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2011 iddikjara li l-problema kienet fil-*bonnet* ghax waqghet farka zghira (ara fol. 71 tal-process). Skont hu x-xoghol li jirrigwarda t-tiswija huwa biss ta' hamsin ewro (€50) u mhux aktar. Mistoqsi inkontroezami dwar id-diffetti l-ohrajn l-attur irreferera ghall-*lock panel* u cjoe li kien matt, nieqes miz-zebgha u ghandu l-grif: "N*ghid illi fir-rigward tal-lock panel u l-bumper taht jkunu matti ghaliex hekk johorgu mill-fabbrika. Ir-ritratti saru hafna wara xogholi u ghalhekk il-grif setgha sar bit-titjir taz-zrar"* (ara fol. 72 tal-process).

Illi tenut in konsiderazzjoni dan kollu it-Tribunal ghandhu jghid is-segwenti:
Li huwa principju stabbilit mill-gurisprudenza illi: "*l-kuntratt t' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-*

*ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, msejjhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob irrizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero' jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni."* (**Micallef vs Mamo et noe,** Qorti tal Kummerc, 9/3/1935 Vol.XXX.III.433).

Dan huwa kkonfermat ukoll fil-kawza: **Pierre Darmanin v Moira Aguis**, (Qorti tal-Appell, 6/10/2004 ) fejn il-Qorti iddikjarat, "....*ghal dak li jikkoncerna l-aspett tad-danni jghoddu l-infraskritti riflessjonijiet:-*
*(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ixxoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-rresponsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr…" (Kollez. Vol XLII pII* p.699).

Fit-talba odjerna m'huwiex kontestat illi kien hemm diffetti fix-xoghol. Infatti d-difetti kienu tali li l-konvenut mar lura l-ghada biex jitkellem mal-attur sabiex jaghmel xoghol riparatorju u dan accetta li kellu jsir xoghol riparatorju. Fil-fatt dawn id-difetti riskontrati setghu jigu rimedjati bi ftit sieghat ta' xoghol.

Illi fir-rigward tal-kaz inspecje t-Tribunal ihoss li d-difetti ma kienux ta' natura sostanzjali u ghalhekk huwa bizzejjed li l-konvenut ihallas somma li hija riduzzjoni fil-

prezz. Jidher li hemm qbil li x-xoghol fuq il-*bonnet* kellu jerga jsir u ghalhekk dan ghandu jigi mnaqqas mit-talba. Fir-rigward tal-*parts* l-ohra f'dak li jirrigwarda il-*bumper*, l-attur stess ma kienx car dwar jekk accetta li kien hemm diffetti jew le. Ghalkemm it-tribunal jaqbel illi l-grif setgha gara wara li gie sprenjat it-tikek (ara "Dok SC8") fuq il-*bumper* u li wara ftit hareg is-sadid fuq il-*mudguard* huma difetti li ghandhom jigu reparati.

Il-problema hija li l-attur ma pprezentax prospett ta kif qassam ix-xoghol u ghalhekk it-Tribunal irrid jiddecidi bi prospett qudddiemu tar-rapport li sar wara mill-espert appuntat mill-konvenut fejn gie elenkat ix-xoghol bi prezz oghla minn dak tal-attur stess. Ghaldaqstant it-Tribunal tenut kont tas-suespost, u li l-karrozza w anke l-*parts* kienu *second hand* u li x-xoghol qatt ma jista' jkun perfett (hekk kif gie iddikjarat mill-espert tekniku stess) ihoss illi l-attur ghandu jithallas is-somma ta' mitejn ewro (€200).

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jilqa' t-talba attrici limitatament, u b'hekk jordna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u fit-tieni lok jichad il-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti.

L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------